# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Kump. Numru 481/2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Matthew Spagnol)**
**vs**
**Mohamed Ali Ahmed Elmusraty**

**Illum 09 ta' April, 2018**

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Mohamed Ali Ahmed Elmusraty u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 136403(A) u numru Ref Com 19583.

Akkuzat talli fil-21 ta' Mejju 2016, fis-sieghat bikrin ta' filghodu, fi Triq San Gorg, San Giljan u/jew fil-vicinanzi:-

1. Bil-hsieb li jaghmel delitt cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol lil William Briguglio, Simon Cassar u Carmelo Zammit jew li jqieghed il-hajja taghhom f'periklu car u wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mil-volonta tieghu.

2. Bil-hsieb li jaghmel delitt cioe' minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja fil-periklu car, ittanta li jikkommetti ferita ta' natura gravi fuq il-persuni ta' William Briguglio, Simon Cassar u Carmelo Zammit u wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni

tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' taghhom.

3. Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hinijiet u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna ferita ta' natura hafifa fil-gisem ta' Carmelo Zammit.

4. Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hinijiet u cirkostanzi gar il-barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta, ta' liema xorta jkun, minghajr ma kellhom licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija.

5. Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi qajjem rewwixta jew glieda bil-hsieb li jaghmel omicidju jew offiza fuq il-persuni ta' William Briguglio, Simon Cassar u Carmelo Zammit.

6. Akkuzat aktar talli ikkaguna biza' lil William Briguglio, Simon Cassar u Carmelo Zammit li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta' taghhom.

7. Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hinijiet u cirkostanzi hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew waddabhom jew qabad armi ohra kontra William Briguglio, Simon Cassar u Carmelo Zammit.

8. Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb kontra l-persuni ta' William Briguglio, Simon Cassar u Carmelo Zammit sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmillhom hsara.

9. Akkuzat aktar talli ingurja jew hedded lil William Briguglio, Simon Cassar u Carmelo Zammit.

10. Akkuzat aktar talli volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied.

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija tipprovdi ghal garanzija ta' William Briguglio, Simon Cassar u Carmelo Zammit skond artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali.
Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli:

- 41(1)(a), 214, 215, 217 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 214, 215, u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 238(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 339(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
- 383, 384, 385, 386, 387 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi tal-prosekuzzjoni.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu fit-termini tan-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali hlif ghall-dik l-imputazzjoni li tirreferi ghar-reat prospettat f'l-artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Huwa kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dawn il-proceduri jirrigwardaw kaz li sehh nhar il-21 ta' Mejju 2016 meta l-imputat, flimkien ma' persuna ohra, aggredixxa lil William Birguglio, Simon Cassar u Carmel Zammit; f'dan l-incident Carmel Zammit soffra griehi ta' natura hafifa.

Illi jibda biex jinghad li ai termini tac-citazzjoni l-imputat kien addebietat b'ghaxar imputazzjonijiet inkluz dik ta' attentat ta' omicidju ta' l-imsemmija Briguglio, Cassar u Zammit (l-ewwel imputazzjoni fic-citazzjoni). Fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju tieghu pero l-Avukat Generali ma gewx kwotati l-

artikoli li jirreferu ghal dan ir-reat. Jidher ghalhekk li l-Avukat Generali, wara li instemghu il-provi kollha, irridimensjona l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat billi m'addebietahx bir-reat li hemm referenza ghalih f'l-ewwel imputazzjoni fic-citazzjoni.

Illi dan ifisser li l-Qorti ghandha necessarjament tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-ewwel imputazzjoni dedotta fic-citazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu fit-termini tan-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali hlif ghall-dik l-imputazzjoni li tirreferi ghar-reat prospettat f'l-artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dawn l-imputazzjonijiet hekk ammessi ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi s-sitt imputazzjoni fit-termini tac-citazzjoni hija dak bazata fuq l-artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Huwa principju ben stabbilit li biex jissussisti dan ir-reat irid jigi pruvat 'l hekk imsejjah *course of conduct*.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ampjament li incidenti bejn l-imputat u l-parte leza kien hemm wiehed; fil-fatt ic-citazzjoni qed tibbaza l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra l-imputat fuq fatti li sehhew f'gurnata u hin partikolari u cioe "*fil-21 ta' Mejju 2016 fis-sieghat bikrin ta' fil-ghodu*".

Illi konsegwentement din is-sitt imputazzjoni ma tistax tirrizulta.

Ikunsidrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu; hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li kien biss William Briguglio li soffra griehi u li fil-fatt huwa soffra biss bdengiela kbira f'koxxtu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta'l-ewwel imputazzjoni dedotta fic-citazzjoni u fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tas-sitt imputazzjoni dedotta fic-citazzjoni u tilliberah minnha, wara li rat l-artikolu 41(1)(a), 214, 215, 217, 218, 221, 238(b), 338(dd) u 339(1)(b)(d)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-

imputat hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah sitt xhur prigunerija u multa ta' mija sittax Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47).

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**